# Kwadru ta' persunaġġ interessanti fis-sagristija tal-Qrendi

# Dun Ċirillu Formosa

**Kitba ta' Tony Terribile**

Is-sagristija tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi hija mżejna b'numru ta' kwadri li wħud minnhom għandhom livell artistiku filwaqt li oħrajn għandhom livell storiku. Fost dawn insibu wieħed li qed ifakkar lil Dun Tumas Ċirillu Formosa. Kitba taħtu tgħidilna li dan il-kwadru ġie mogħti lill-knisja tal-Qrendi mill-Kappillan Dun Manwel Micallef fl-1927.

Fl-istess kitba naqraw li Dun Ċirillu kien qassis tas-seklu tmintax, kien miż-Żejtun u għadda żmien kappillan ta' Ħal Tarxien. Dan il-qassis ġab mingħand il-Papa Klement XII id-dritt li l-Kappillani Maltin jilbsu l-muzzetta u r-rukett. Dan il-qassis kien persunaġġ interessanti ħafna u nistgħu nqisuh bħala qassis rivoluzzjonarju tas-seklu tmintax. L-istorja tibda fl-20 ta' April ta' l-1757 meta fil-Palazz Veskovili ta' l-Imdina miet l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan li għal 20 sena sħaħ kien isqof ta' dawn il-gżejjer. Wara l-funeral ta' dan l-Isqof, il-Gran Mastru Pinto ppreżenta tliet kandidati biex wieħed minnhom jingħażel Isqof. Dawn kienu Fra Bartholomeo Rull minn Mayorca, Fra Ġwann Domenico Mainardi minn Turin u Fra Giulio Grassi minn Iaci-Reale fid-djoċesi ta' Catania.

L-għażla waqgħet fuq Bartolomeo Rull li kellu 66 sena u fis-7 ta' Mejju 1757 ġie kkonsagrat Isqof fil-Katidral ta' Reggio Calabria. Meta ġie Malta għażel lil Monsinjur Azzopardi Casteletti bħala l-Vigarju Ġenerali tiegħu, iżda mill-ewwel, it-tnejn li huma kellhom kwistjonijiet kbar mal-Kapitlu tal-Katidral marbuta ma' preċedenzi u privileġġi.

Dawn il-kwistjonijiet bdew jidhru biċ-ċar nhar l-Imnarja ta' l-1758, meta numru kbir ta' kanonċi ibbojkottjaw l-ikla tradizzjonali marbuta ma' din il-festa. Kwistjoni oħra qamet nhar it-23 ta' Settembru ta' l-istess sena meta l-isqof talab lil kanonċi biex iressqu b'siegħa 'l quddiem, l-uffizjatura tagħhom billi dak in-nhar l-isqof kien se jagħmel l-ordinazzjoni ta' 130 saċerdot ġdid iżda l-kanonċi irrifjutaw it-talba ta' l-isqof. Is-sħab ta' l-inkwiet baqa' jinġema u fit-30 ta' Awissu laħal livell għoli. Hawn jidħol il-Kappillan Formosa. F'dan il-jum il-biċċa l-kbira tal-kappillani Maltin inġabru ma' dan il-kappillan f'Ħal Tarxien u quddiem l-avukat Casha iffirmaw petizzjoni li permezz tagħha huma talbu li jwaqqfu sodalità li din ikollha d-dritt li tiġġieled għad-drittijiet u l-privileġġi tagħhom, mhux biss f'Malta iżda wkoll barra.




L-Isqof Rull u l-Vigarju Ġenerali xejn ma ħadu pjaċir b'din il-petizzjoni u fid-9 ta' Settembru sejħu lil Kappillani kollha fil-palazz tal-Belt. Dun Ċirillu Formosa ma kienx preżenti. Fil-laqgħa kellmuhom l-Isqof u l-Vigarju u ħaduhom bil-ħlewwa kollha u talbuhom jiffirmaw dikjarazzjoni li dik it-talba li għamlu, għamluha għax kienu mġiegħla minn Dun Ċirillu Formosa, li kien meqjus bħala xewka ta' l-Isqof.

Il-kwistjoni ma waqfitx hawn għax fid-29 ta' Settembru uffiċċjali għolja tal-Kurja ta' l-Isqof marru fid-dar tal-Kappillan Formosa f'Ħal Tarxien, arrestawh u ssekwestrawlu dak kollu li kellu u Dun Salv Pace, il-Kappillan tal-Mosta ħa t-tmexxija tal-Parroċċa ta' Ħal Tarxien.

L-akkuża prinċipali miġjuba kontrih kienet li qed jgħix f'ħajja ta' konkubinaġġ, ma' xebba mir-raħal iżda din l-akkuża ftit li xejn ġiet emmnuta. Dun Ċirillu, li kien

bniedem fuq tiegħu għamel kuntatt mal-Kurja Metropolitana ta' Palermo, li din, biex ngħidu hekk, kienet tħares sinna b'sinna, lejn il-Kurja ta' Malta u fis-7 ta' April ta' l-1760, il-Kurja ta' Palermo ordnat lill-Kurja ta' Malta biex tissospendi dawk il-pieni kollha li kienet għabbiet bihom lil Dun Ċirillu Formosa. Kif wieħed jista' jimmaġina f'din il-kwistjoni daħal ukoll it-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni imexxi mill-Inkwiżitur Durini. Sadattant sar magħruf li l-allegazzjonijiet li l-Isqof Rull għamel fuq Dun Ċirillu ftit li xejn ġew emmnuti u kien hemm ukoll tentattivi li se jittieħdu passi kontra l-Isqof Rull, jekk ma jkunx hemm ftehim pubbliku. Fis-7 ta' Mejju 1761, il-Kurja ta' Palermo ordnat lill-Isqof Rull u lill-Vigarju Ġenerali li fi żmien xahrejn, Dun Ċirillu Formosa, kellu jiġi mogħti lura l-propjetà kollha li kellu. Formosa baqa' jiġġieled għad-drittijiet tiegħu u fil-5 ta' April 1762 l-Isqof Rull ġie ordnat biex lil Dun Ċirillu Formosa jerġa jagħmlu Kappillan ta' Ħal Tarxien.

L-Isqof Rull tellief b'dak li għamel kellu jagħmel dak li ġie mitlub u fit-13 Ġunju 1762 saret id-daħla mill-ġdid tal-Kappillan Formosa f'dan ir-raħal. Għal dan il-għan fir-raħal saret festa kbira u l-Gran Mastru Emmanuel Pinto, b'sinjal ta' inkejja ma' l-Isqof Rull, bagħat f'Ħal Tarxien, l-Uditore Farrugia bħala rappreżentant tiegħu.

Waqt li kienet għaddejja din il-kwistjoni kollha il-kappillani ta' Malta, ġew mogħtija l-privileġġ li kienu ilhom żmien twil jiġġieldu għalih. Riedu li jkollhom ilbies distintiv mill-qassisin l-oħra u fil-15 ta' April 1760 waslet Malta l-konferma li l-kappillani Maltin setgħu issa jilbsu l-muzzetta u r-rukett. Kienet rebħa kbira għall-Kappillani u l-aktar għal Dun Ċirillu Formosa. Xahar wara li wasal Malta dan id-digriet, il-kappillani kollha nġabru f'San Lawrenz il-Birgu, u f'din il-knisja l-kappillani ġew imlibbsa dawn l-abiti, iżda l-Kappillan Formosa ma kienx preżenti għal din iċ-ċerimonja għax f'dan iż-żmien kien sospiż minħabba l-kwistjoni li kellu.

Kif rajna għalhekk dan il-kwadru, li jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi hu kwadru ta' persunaġġ storiku marbut ma' kwistjoni mqanqla tas-seklu tmintax.

**Referenzi**


Testa Carmel *The Life and Times of Grandmaster Pinto*, - Midsea Books 1989.

Bonnici Alex *Storja ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta Vol. 3* 1994.



Trademart Ltd.

EXPORT MANAGERS
GENERAL IMPORTERS & DISTRIBUTORS
Tel: 6997653 - 490875

Index®
FURNITURES




***All prices inclusive of VAT and Free Delivery***